MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 452/2013

Appell Nru: 452/2013

Il-Pulizija

Spettur Sandro Millo

Vs

Samah Monsour

Illum, 5 ta’ Gunju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Samah Monsour, detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 148406L quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli:

Fit-30 ta’ Lulju, 2010, ghall-habta tas-1.45p.m., f’dawn il-gzejjer:

1) Uzat xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li gie fornut ghalih, jew traskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiiet elettronici jew inkella wzatu b'mod mhux kif imiss.
2) Ingurjat jew heddet lil Simon Galea u lil Amar Galea, jew jekk kienet ipprovokata, ngurjathom b'mod li harget barra mill-limit tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fil-11 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Qorti, wara illi rat l-artikoli 17, 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali u 49(a) u (c) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja u kkundannatha multa ta' hames mitt ewro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2013, fejn talabet lil din il-Qorti, thassar, tirrevoka u tikancella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberha minn kull imputazzjoni jew htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi bhala l-ewwel aggravju l-appellanti tissottometti umilment illi l-ewwel Qorti ma setghatx ragjonevolment issib htija fl-appellanti ghaliex ma rrizultax mill-provi sal-grad rikjest mil-ligi illi nhar it-30 ta' Lulju, 2010, ghall-habta tas-1.45pm saru ingurji jew theddid permezz ta' apparat tat-telephone.

Illi l-provi principali tal-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri kienu l- minuri Amar Galea li xehed permezz ta' video conferencing u Nadia Lanzon li ghamlet traskrizzjoni ta' audio file allegatament konsistenti f'recording tat-telefonata in kwistjoni.

Illi filwaqt illi Amar Galea xehed illi ommu, l-appellanti, kienet iccempillu ta' spiss ma kienx f'pozizzjoni jaghti indikazzjoni meta allegatament sehhet it-telefonata li tat lok ghall-akkuzi mertu ta' dawn il-proceduri. Mill-banda l-ohra t-traskrizzjoni tal-allegata telefonata kif jirrizulta mir-rapport tal-esperta nominata Nadia Lanzon tindika illi t-telefonata se mai saret fis-16 ta' Awwissu, 2010 u mhux fit-30 ta' Lulju, 2010. Dan jirrizulta anke mill-isem ta' l-audio file illi huwa stess jismhu '16.08.2010'.

Illi l-ewwel Qorti kellha tikkonkludi illi l-akkuza kif dedotta ma gietx ippruvata.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tletin (30) ta' Lulju tal-elfejn u ghaxra (2010) ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' waranofsinhar (1:45 p.m.) l-appellanta Samah Monsur cemplet

fir-residenza ta' Simon u Naima Galea biex tkellem lil binha Amar Galea. Simon Galea kien prezenti d-dar u sema' d-diskors illi l-appellanta ghamlet fejn din heddedt illi kienet se tkisser id-dar taghhom. Qalet lit-tifel Amar illi Simon huwa kornut fost hafna kliem hazin u theddid iehor. Simon Galea xehed illi Amar, it-tifel, sar trawmatiku minnhabba dawn it-theddid u qieghdin f'biza' kontinwa minhabba l-agir tal-appellanta. Min-naha taghha l-appellanta filwaqt illi tikkonferma illi hija ghamlet dik it-telefonata tichad illi b'xi mod heddedt lil Simon Galea u lil Amar Galea.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tinnota illi hemm diversi incidenti illi qieghdin jinqalghu bejn dawn il-personaggi li bhala fattur komuni hemm it-tifel Amar Galea illi huwa iben l-appellanta Samah Monsur u Simon Galea meta dawn it-tnejn kienu mizzewwgin. Peress illi qed isiru hafna allegazzjonijiet ta' maltrattament mhux fondati, dawn huma bizzejjed biex inanqlu f'mohh l-appellanta dik r-reazzjoni illi ggaghlha taghmel dawn il-kontravvenzjonijiet illi taghhom giet mitluba twiegeb. Din il-Qorti hija sodisfatta illi Simon Galea sema' din it-telefonata peress illi prezenti dak il-hin u kien f'pozizzjoni illi jaghraf il-vuci tal-appellanta bit-theddid illi din ghamlet fil-konfront tieghu, tal-familja u proprjetà tieghu. Ghalhekk din il-Qorti issib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet liberament u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba din id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------